**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 73 – L-ERBGĦA 24 TA' MEJJU 2018**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-17:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier (wasal fil-17:34) |
| | Noel Gatt | Kunsillier (wasal fil-17:32) |
| | Alexander Agius | Kunsillier (wasal fil-17.35) |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Marlon Brincat | Kunsillier (wasal fis-17:48) |
| Skużati: | Clinton Sammut | Viċi Sindku |
| | | |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segratarju Eżekuttiv |
| | Louise Mallia | Skrivana |

**LIVE STREAMING:**

Is-SE informa li kien hemm xi ħsarat tekniċi u għalhekk il-laqgħa ma setgħetx tiġi trasmessa live.

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1. Is-SE informa li rċieva *email* mingħand il-Viċi Sindku li ta raġunijiet talli ma jistax jattend. Il-Kunsill iġġustifika n-nuqqas.

1.2. Il-Kunsillier Spiteri informa lis-SE li kien se jasal tard.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Bil-ħsieb li jilħqu jaslu aktar Kunsillieri, il-Kunsill qabel li l-ewwel jgħaddi biex jitressqu l-komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-minuti jitressqu wara.

**3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

3.1. Is-Sindku infurmat li kellha laqgħa mal-Arċipriet u l-Kumitat tal-Festa flimien ma' rappreżentanti tal-Forzi Armati peress li din is-sena, lejlet il-festa kienet se ssir il-Pontifikal fin-Naxxar bil-preżenza tal-banda tal-Forzi Armati u b'numru ta' mistidnin distinti.

3.2. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Gatt.

3.3. Is-Sindku infurmat li hi u s-SE kellhom laqgħa ma' TM u l-Kunsill tal-Għargħur dwar l-għeluq, f'direzzjoni waħda, tat-triq li minn Triq Birguma twassal għall-Għargħur (Wied Anġlu). Hija ifurmat li TM skużaw ruħhom li ma kinux ikkonsultaw lill-Kunsill tan-Naxxar. TM infurmaw li kellhom ammont kbir ta' lmenti dwar din il-miżura. Finalment kien hemm qbil li l-miżura titneħħa u TM jagħmlu studju dettaljat dwar it-traffiku.

3.4. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Galea.

3.5. Waslet ittra mingħand PBS dwar inizjattiva li qed jieħdu fi żmien it-Tazza tad-Dinja permezz ta' Road Show f'lokalitajiet differenti. Huma qed jitolbu ħlas ta' €600. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju peress li dan jista' jwassal għal promozzjoni lil-lokalità u n-negozji. Il-Kunsill qabel li jiddelega lill-Kunsillier Sciberras biex jiddiskuti magħhom u jikkordina. Kien hemm qbil li appena jkollu aktar informazzjoni ssir komunikazzjoni permezz tal-email u tittieħed id-deċiżjoni.

3.6. Is-Sindku kellha laqgħa mas-Sur Micallef Grimaud li ppropona *street art and music festival* li jsir waqt il-Freshers' Week tal-iskola Giovanni Curmi.

3.7. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Brincat.

3.8. Dwar is-servizz ta' trasport li qed jippjana l-Kunsill is-Sindku infurmat li qed jinġabru l-isponsors filwaqt li kienet dispjaċuta li l-BOV m'offrewx sponsor.

3.9. Infurmat li kienet saret il-laqgħa fl-uffiċċju tal-Onor Silvio Parnis li però minħabba li kellu impenji oħra, ma kienx preżenti hu. Madanakollu xorta waħda kienu diskussi l-materji maqbul mill-Kunsill.

3.10. Kienet avviċinata minn kumpanija li joffru prodotti anti-slip għall-bankini. Hija talbithom sample iżda huma offrew li jagħmlu sample kontra ħlas u li jinkludu l-logo tagħhom. Il-Kunsill m'aċċettax.

## 4. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

4.1. Tressqu l-minuti tal-laqgħa preċedenti.

4.2. Il-Kunsillier Gatt ippropona emenda f'para. 7.2 biex l-ewwel sentenza tiġi jaqra: *"Dwar ilment b'rif 7167, il-Kunsillier Gatt issuġġerixxa li ssir kjarifika ma min ressaq it-talba."*

4.3. Il-Kunsillier Cuomo ipproponiet l-approvazzjoni tagħhom kif emendati filwaqt li l-Kunsillier Agius issekonda. Il-minuti kienu approvati *nem con* u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

4.4. Dwar para. 3.3 dwar l-isponsors is-Sindku infurmat li kellha l-konferma ta' sponsors mingħand is-Sur Michael Zammit Tabona, Midlands u Gasan Mamo.

## 5. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

5.1. Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## 6. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI

6.1. Is-SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti, skeda ta' dħul, skeda ta' ordnijiet u skeda ta' infiq mill-petty cash.

6.2. Il-Kunsill approva (*nem con*) ir-rapporti wara li ppropona l-Kunsillier Brincat u ssekonda l-Kunsillier Galea. L-iskedi msemmija huma annessi.

6.3. Is-SE informa li kienet żviluppat problema bit-terminals tal-uffiċċju minħabba li m'għadhomx aktar kompatibbli ma' software modern. Dawn ilhom li nxtraw numru ta' snin. Il-Kunsill qabel li s-SE jipproċedi bix-xiri ta' sistemi ġodda.

6.4. Is-SE informa li l-AC tar-reception kien tħassar u jidher li ma jistax jissewwa. Il-Kunsill qabel li għandu jinxtara wieħed ġdid.

**7. RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-ILMENTI**

7.1. Is-SE ippreżenta l-minuti tal-aħħar laqgħa tal-Kumitat tal-ilmenti.

7.2. Il-Kunsilliera Cuomo ipproponiet l-approvazzjoni tagħhom filwaqt li l-Kunsillier Sciberras issekonda.

7.3. Il-minuti ġew approvati *nem con*. Kopja annessa.

7.4. F'dan il-ħin il-Kunsillier Sciberras kien skużat mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien is-18:26.

**8. RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-FINANZI**

8.1. Is-SE ippreżenta l-minuti tal-aħħar laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi. Is-Sindku pproponiet u l-Kunsillier Galea issekonda biex ġew approvati mill-Kunsill *nem con*. Kopja annessa.

**9. KUMITAT TAL-EVALWAZZJONI/AĠĠUDIKAZZJONI TAL-OFFERTI**

9.1. Is-SE spjega l-proċess u kif għandu jkun iffurmat il-kumitat ta' aġġudikazzjoni tal-offerti.

9.2. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li l-membri tal-bord ikunu: Is-Sindku (Chairperson), l-Accountant, l-Avukat, Perit għall-każijiet li jkunu meħtieġa teknika, il-Kunsillier Brincat filwaqt li l-Kunsillier Spiteri jkun osservatur (bla vot) iżda meta l-Kunsillier Brincat ma jkunx jista' jidħol il-Kunsillier Spiteri bħala membru (bil-vot).

9.3. F'dan il-ħin il-Kunsillier Galea kien skużat mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien is-18:49.

**10. IS-SITWAZZJONI TAL-KUNTRATT TAT-TINDIF**

10.1. Is-SE ta informazzjoni dwar is-sitwazzjoni fejn informa li skont ix-xewqa tal-Kunsillieri, minħabba l-kwalitajiet tas-servizz li joffri, hekk kif waqaf il-kuntrattur Innovative Projects, huwa qabbad lill-kuntrattur Christian Galea li qiegħed joffri s-servizz b'mod limitat ħafna minħabba l-fatt li ma jistax jagħti ordni diretta li teċċedi l-Eur5000.

10.2. Minkejja li s-servizz limitat ħafna, diġà qed ikollu rapporti pożittivi mir-residenti.

10.3. Sadanittant għadu qed jaħdem u jiddiskuti mad-Dipartiment tal-Kuntratti dwar l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt il-ġdid. Żviluppaw xi problemi dwar kriterji u kien meħtieġ aktar żmien biex jiddiskutu mal-Ministeri konċernati.

10.4. Fil-frattemp huwa akkwista tliet kwotazzjonijiet għal servizz skont ix-xewqat tal-Kunsill biex ikollu servizz kif suppost bl-ammont ta' nies speċifikati. Ipprepara t-talba formali lill-Ministru biex japprova ordni diretta li teċċedi l-ammont li jista' jingħata b'ordni diretta.

**11. ĦRUĠ TA' OFFERTI**

11.1. Is-SE informa li qed jaħdem fuq l-offerti tal-lift, tal-bandli fi Ġnien il-Ħamrija, tal-ġonna filwaqt li se jibda fuq project manager u non urban.

11.2. Is-Sindku ssuġeriet li jitneħħew il-qsari madwar l-istatwa ta' San Ġużepp u jitpoġġa planter bħal ma saru fuq iz-zuntier.

11.3. Il-Kunsillier Spiteri ħass li ma kellux isir planter l-istess. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Spiteri jara xi prodotti u jissuġerixxi planter.

## 12. IL-PROĠETT TAL-MITĦNA TAL-GĦAQBA U XOGĦOL RELATAT

12.1. Is-SE informa li intalbet ammont ta' informazzjoni sabiex il-proġett ikun ikkonfermat. Huwa qed jaħdem fuq ir-risposti.

12.2. Huwa beda wkoll jipprepara minħabba l-offerti meħtieġa ta' Projects Manager.

## 13. RAPPORT MILL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BIC

13.1. Il-Kunsillier u Chairperson tal-Kumitat Maryanne Cuomo infurmat li kienet qed issir ħidma biex ċertu nuqqasijiet jiġu rranġati.

13.2. Hija infurmat li kienet saret laqgħa f'BIC fejn ġie s-SE biex iduru t-toroq u kull fejn hemm xi nuqqasijiet ġew innutati. Hija sodisfatta li wara din iż-żjara mill-ewwel ittieħdu ċertu passi u għalhekk irringrazzjat lis-SE għall-azzjonijiet li ttieħdu.

13.3. Kienu ppreżentati wkoll il-minuti tal-aħħar laqgħa tal-Kumitat li kienu approvati.

## 14. MOZZJONI DWAR CARAVANS IRREGOLARI

14.1. Il-Kunsillier Cuomo infurmat li jidher li s-sitwazzjoni ġiet irranġata.

14.2. Fid-dawl ta' dan kien hemm qbil li l-mozzjoni ma titressaqx.

## 15. AĠĠORNAMENT TAL-BAĠIT U L-PJAN

15.1. Is-SE informa li bħala parti mill-ħidma biex tingħata informazzjoni addizzjonali dwar il-proġett tal-mitħna, kien meħtieġ li d-DLG jagħti l-konferma li l-Kunsill jista' jasal biex iwettaq il-proġett.

15.2. Fid-dawl ta' dan kien meħtieġ aġġornament tal-baġit u l-pjan biex jieħu konsiderazzjoni tal-proġett tal-mitħna.

15.3. Is-SE ippreżenta dawn id-dokumenti aġġornati li kienu approvati *nem con* wara kunsiderazzjoni.

## 16. TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

16.1. Il-laqgħa fi tmiemha fit-19.56 u d-data magħżula għas-seduta li jmiss hija nhar it-Tlieta 19 ta' Ġunju.

**ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI**
**SINDKU**

**PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**